# IL-PAPA PIJU XII (1876-1958)

## *li ħamsin sena ilu (1950-2000) għamel Domma tal-Fidi l-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema bir-ruħ u l-ġisem*



*mill-Kan. Dun Nikola Vella Apap*

### L-Ewwel Snin tal-Papa Piju XII

Bil-mewt tal-Papa Piju XI (10 ta' Frar 1939), is-Segretarju tiegħu ta' l-Istat, Eugenio Pacelli kien il-Kardinal l-aktar magħruf u l-aktar adattat biex imexxi lill-Knisja qalb id-diffikultà ta' gwerra mdendla. Il-Konklavi dam jumejn biss (2 ta' Marzu 1939) u fit-tielet votazzjoni Pacelli ġie magħżul b'48 vot fuq 63. Ħa l-isem ta' Piju XII.

Eugenio Pacelli twieled f'Ruma fit-2 ta' Marzu 1876. Missieru kien l-avukat Filippo u ommu Virginia Graziosi. Ma kenitx familja nobbli imma kolta, b'attenzjoni speċjali lejn il-liġi. Nannuh Marc Antonio kien fil-Ministeru Intern tal-Papa bejn l-1851 u l-1870. Missieru kien avukat tar-Rota u mill-1896 avukat konċistorjali u ħa sehem bħala kunsillier legali fil-Kodifikazzjoni tad-dritt kanonku: ħuh Franġisku ħa sehem fin-negozjati ta' tħejjija tal-Patti Lateranensi.

Meta Eugenio għadda l-istudji klassiċi (b'*licentia Ad Honorem*) mil-Liceo Statali Visconti daħal fil-Kulleġġ Capranica. Studja l-Filosofija fil-Gregoriana mill-1894 sa l-1899. Kompla l-formazzjoni saċerdotali fis-Seminarju Roman fl-Appolinare fejn kiseb bl-iktar voti l-Lawrja fit-Teoloġija u "In Utroque Jure". Għal sena kompla l-lezzjonijiet ta' l-Università Statali tas-Sapienza. Kellu fost is-surmastrijiet l-istoriku kbir tad-dinja antika Beloch. Fit-2 ta' April 1899 il-Kardinal Vigarju ta' Ruma kkonsagrah saċerdot fil-kappella tiegħu.

Wara, daħal fil-Kurja Romana fil-Kongregazzjoni ta' l-Affari straordinari fejn Piju X għażlu sottosegretarju (1911) u wara segretarju (1914). Għallem fl-Akkademja "Tan-Nobbli" (1909-1914) u ħadem mal-Kardinal Gasparri fit-tħejjija tal-Kodiċi.

Fl-1917 Pacelli beda l-karriera twila tiegħu diplomatika ta' Nunzju fi gvern importanti bħal Bavaria li kien l-uniku Stat Ġermaniż li f'dawk iż-żminijiet kellu relazzjoni diplomatika mas-Santa Sede.

### Il-Personalità tal-Papa Piju XII

Piju XII kien persuna tassew eċċezzjonali: eċċezzjonali fl-intelliġenza akuta u fil-memorja. Kellu kultura profonda teoloġika fuq kollox f'dik li hija morali u dirittu u fit-tagħrif tal-ħwejjeġ tal-Knisja. Kien persuna li tnissel rispett u qima f'dawk li kienu jersqu lejh. Kien ammirat mill-kattoliċi, u iżjed minn dawk li ma kenux kattoliċi. Jedin kiteb: "Piju XII deher bħala Papa komplut fil-figura u kif ġab ruħu mal-Knisja Kattolika-Romana-Universali."

Fuq Piju XII, Tardini kiteb: "Piju XII deher u kien tassew kbir. Kbir bħala Surmast tal-Verità; kbir bħala Paċifikatur tal-popli; kbir bħala Imħallef ta' l-Umanità; kbir bħala Missier li jħobb 'l uliedu kollha; kbir bħala Konsulatur u Benefattur ta' dawk kollha li jsofru; kbir fuq kollox bħala ruħ magħquda dejjem mal-Mulej, u dejjem bl-akbar ħeġġa lejn il-perfezzjoni divina.

Kellu ġibda kbira għall-istudju, il-meditazzjoni u s-skiet. Il-messaġġi u d-diskorsi tiegħu ħadulu ħafna ħin. Kien gwida għaref li wera ta' spiss lill-oħrajn it-triq żgura. Kien ta' temperament kwiet. Kien jaf jikkumbatti kull darba li talbet il-verità, il-ġustizzja u l-ġid ta' l-erwieħ. Piju XII jgħaddi fl-Istorja bħala Papa għaref, riformatur u innovatur qalbieni."

### Id-Difiża lil-Lhud

Fil-kwadru kbir ta' l-azzjoni umanitarja tal-Papa Piju XII matul il-gwerra, tidħol l-opra difensiva favur il-Lhud. Fil-kunventi ta' Ruma u fil-Vatikan Piju XII assigura rifuġju ta' 5,000 Lhudi. Wara l-1941 'it-trasport' tal-Lhud sar waħda mill-prinċipali preokkupazzjonijiet tal-Papa. L-azzjoni tas-Santa Sede kkontribwixxiet biex tagħmel li l-politika Taljana fil-konfront mal-Lhud tingħażel pożittivament għall-gwerra kollha minn dik Tedeska. Mussolini sakemm waqa' ma ħalliex it-trasport ta' l-ebda Lhudi fil-kampijiet biex jiġi meqrud. Kemm kien qawwi l-impenn tal-Knisja Kattolika favur il-Lhud jidher ukoll fin-numru ta' dawk li salvaw fl-aħħar tat-Tieni Gwerra Dinjija. Mis-seba' miljuni trasportati, 950,000 biss kienu għadhom ħajjin fl-1945. Kien ikkalkolat li 90% minn dawk li baqgħu ħajjin kien bil-ħila tal-Knisja. Wara, però, kien hemm ir-rieda tal-Knisja Kattolika taħt Piju XII timpenja ruħha bil-qawwa kollha għal kull ħajja umana. L-uġigħ tal-qalb ta' Piju XII għall-

persekuzzjoni Nazista lil-Lhud kienet qawwija sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu, u ma naqasx li juriha pubblikament.

Il-Papa Piju XII għamel dak kollu li seta' fis-sens ekonomiku u morali favur il-Lhud li skond il-ġudizzju ta' R. Leiber: "Il-Knisja f'dan iż-żmien ta' vjolenza kiefra ta' l-odju u ta' l-assassinju rebħet fl-awtorità, fiduċja, u qawwa ta' l-azzjoni." L-istess Lhud faħħru iktar minn darba lil Piju XII u wrew ir-rikonoxxenza ta' dak li għamel magħhom fi żmien is-sagrifiċċju. Diġà fl-1942 intbagħtu telegrammi lis-Santa Sede ta' radd il-ħajr mill-komunità tal-Lhud tal-Bolivia, ta' Costa Rica, tas-Sud Afrika, taċ-Ċilì u ta' l-Għaqda tar-Rabbini Ortodossi ta' l-Amerika, tal-Kanada u tal-kbir Rabbino ta' Żagabrija.




## Il-Maġisteru tal-Papa Piju XII

Kemm għall-istudji li għamel, kemm għad-dispożizzjoni ta' l-intelliġenza, Eugenio Pacelli aktar kien miġbud lejn il-kwistjonijiet morali, ġuridiċi u soċjali milli għal dawk dommatiċi. Din hi r-raġuni fundamentali li l-maġisteru tiegħu pontifikali kien fuq kollox tat-teoloġija prattika li għandha karattru tassew morali u soċjali. Kien hemm ukoll serje ta' ċirkostanzi li enfatizzaw din id-direzzjoni: il-ġlied tal-gwerra bl-istraġi tal-biżà, il-periklu komunista, il-progress tax-xjenza u tat-teknika, it-tixrid ta' filosofija ġdida, it-tixrid ta' l-ateiżmu, l-avvanz tal-lajkat kattoliku, il-problema akuta tat-twelid. Dawn iċ-ċirkostanzi kienu favur li juru l-ġenju teoloġiku-morali tal-Papa Piju XII, ġenju li jaf bil-qawwa tar-responsabbiltà proprja u profonda tal-problemi tal-bniedem modern fejn fittex li jsib soluzzjoni fid-dawl tar-revelazzjoni kristjana, li għal żmien kienet tirrispondi għall-bżonnijiet attwali f'linja mal-messaġġ ta' Kristu.

"Non Nova Sed Noviter" (Mhux ħwejjeġ ġodda imma forma ġdida) kien il-motto ta' Piju XII. Il-modernità tal-forma kienet ħafna ċara u mmarkata: ma kenitx biss fit-taqbida tal-lingwaġġ, imma fl-istess messaġġ nisrani għall-problemi ġodda taż-żwieġ, tal-familja, tas-soċjetà, tal-gwerra, tal-paċi, ta' l-edukazzjoni, tal-moda, taċ-ċinema, ta' l-isports u ta' ħafna aspetti tal-ħajja moderna. Hekk kienu jiġġudikawh nies xjenzati u artisti, letterati u filosofi, nies politiċi u reliġjużi.

Jibqa' l-fatt li l-aħjar tal-maġisteru tal-Papa Piju XII insibuh fl-Enċikliċi. Ta' min isemmi 'Summi Pontificatus' (20 ta' Ottubru 1939); 'Mystii Corporis' (29 ta' Ġunju 1943); 'Divino Afflante Spiritu' (30 ta' Settembru 1943); 'Provida Mater' (14 ta' Marzu 1949); 'Mediator Dei' (20 ta' Novembru 1949); 'Evangelii Praecones' (2 ta' Ġunju 1951); 'Humani Generis' (12 ta' Awissu 1950); 'Fulgens Corona' (8 ta' Settembru 1953); 'Sacra Virginitas' (25 ta' Marzu 1954); 'Miranda Prorsus' (8 ta' Settembru 1957); 'Ad Apostolorum Principis' (29 ta' Ġunju 1956). Iżjed mil-Enċikliċi nsibu mportanza fit-tagħlim soċjali li għandhom ir-radjumessaġġi tal-Milied tal-Papa Piju XII. Dan il-Papa jibqa' wkoll imfakkar għax fl-1 ta' Novembru ta' l-1950 għamel domma tal-fidi l-Assunzjoni ta' Marija SS.Ma fis-sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

Bħalma kien avukat qawwi tal-Paċi, Piju XII kien ukoll "il-ħabbar, il-profeta u l-ħabbar sod tal-verità". Il-Papa Piju XII miet fid-9 ta' Ottubru ta' l-1958[1].

Dan il-Papa jibqa' mfakkar bħala l-Papa ta' l-Assunta għaliex ħamsin sena ilu (nofs seklu) minn ġewwa l-Bażilika Vatikana ta' San Pietru f'Ruma quddiem folla enormi ta' nies, isqfijiet u kardinali għamel "Domma tal-Fidi l-Assunzjoni tal-Madonna fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".

---

**Riferenzi**

1 Battista Mondini, Dizionario Enciclopedico Dei Papi; Storia e Insegnamenti, pp. 518, 520, 525, 531-533.

**Biblijografija**

1. Antonio Spinoso. Pio XII, L'ultimo Papa.
2. Andrea Riccardi. Pio XII.
3. Raimondo Spiazzi. Pio XII, Mezzo Secolo Dopo.
4. Nazzareno Padellaio. Pio XII.
5. Alden Hatch & Seamus Walshe. Crown of Glory, The Life of Pope Pius XII.